MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 206/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmen Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmen Spiteri talli:

(1) flimkien ma’ persuni ohra nhar-it 13 ta’ Novembru 2004 ghall-habta ta’ xi 12:45pm, gewwa l-Bini tal-Qorti ta’ Malta, sitwati fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta xewwxet lil haddiehor inkella sahhatilhom il-volonta` taghhom sabiex jaghmlu delitt u cioe` attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ WPC 21 Ashley Bugeja persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz

pubbliku filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti;

(2) fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurjat, heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' l-Ispettura Nadia Lanzon, WPC 21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(3) fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi xewwxet lil haddiehor inkella sahhatilhom il-volonta` taghhom sabiex jaghmlu delitt u cioe` offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' WPC 21 Ashley Bugeja ufficjal pubbliku meta r-reat gie mwettaq minhabba li dik il-persuna kienet ghamlet id-dmirijiet tal-kariga taghha u dan skond kif iccertifikaw Dr. Simone Zammit MD (Reg. 2782) u Dr. S. Grech (Reg. No 9859) mill-Isptar San Luqa;

(4) fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi hebbet ghall-Ispettura Nadia Lanzon, WPS 21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS Marisa Bartolo sabiex tingurjahom, iddejjaqhom jew taghmillhom hsara;

(5) fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi volontarjament kisret l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;

(6) fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi qalet fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

(7) fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' l-Ispettura Nadia Lanzon, WPC 21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo weggaghthom bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew ghemil li kien biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor;

(8) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdietx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor indahlet fid-dmirijiet taghhom;

(9) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-provvediment ta' l-Artikoli 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr J Cassar LL.D datata 08/06/2002 rispettivament;

(10) b'hekk saret recidiva b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 18/03/2004.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-Ispettura Nadia Lanzon, WPC 21 Ashley Bugeja. PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju, 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 42, 49, 50, 95, 96, 252, 338(bb), 338(dd), 338(cc) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Carmen Spiteri hatja tal-ewwel imputazzjoni, tal-hames imputazzjoni, it-tmien imputazzjoni u l-ghaxar imputazzjoni kif dedotti, hatja tat-tieni imputazzjoni fejn tirrigwarda biss lill-Ispettur Nadia Lanzon, WPC 21 Ashley Bugeja u PC 1348 Joseph Campbell, tar-raba' imputazzjoni fejn tirrigwarda biss lill-WPC 21 Ashley Bugeja, tas-sitt imputazzjoni in kwantu li tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tas-seba' imputazzjoni fejn tirrigwarda biss lill-WPC 21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali aggornata tal-imputata li l-Qorti tqisha bhala wahda xejn felici, ikkundannat lill-imsemmija Carmen Spiteri ghal piena komplessiva ta' hdax-il (11) xahar prigunerija u hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmi ta' euro (Euro 582.34) multa ekwivalenti ghal mitejn u hamsin liri Maltin (Lm 250). Inoltre in kwantu

ghat-tieni imputazzjoni fejn tirrigwarda biss lill-WPS 45 Marisa Bartolo, it-tielet imputazzjoni kif dedotta, ir-raba' imputazzjoni fejn tirrigwarda biss l-Ispettur Nadia Lanzon, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo u tas-seba' imputazzjoni fejn tirrigwarda lill-ispettur Nadia Lanzon, fid-dawl ta' dak dikjarat aktar qabel fis-sentenza, illiberat lill-imputata Carmen Spiteri minn dawn l-imputazzjonijiet. Rigward id-disa' imputazzjoni astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Inoltre peress illi ma gewx inkorsi spejjez, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba maghmula a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9. Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta rabtet lill-istess Carmen Spiteri b'obbligazzjoni personali ta' 232.94 euro li zzomm il-kwiet ma' l-Ispettur Nadia Lanzon, WPS 45 Marisa Bartolo, WPC 21 Ashley Bugeja u PC 1348 Joseph Campbell u li zzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmen Spiteri pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2008 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni fejn tirrigwarda biss lill-WPS 45 Marisa Bartolo, it-tielet imputazzjoni kif dedotta, ir-raba' imputazzjoni fejn tirrigwarda biss l-ispettur Nadia Lanzon, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 145 Marisa Bartolo u tas-seba' imputazzjoni fejn tirrigwarda lill-Ispettur Nadia Lanzon; tikkonfermaha in kwantu din ma haditx konjizzjoni tad-disa' imputazzjoni; thassarha u tirrevokaha in kwantu nstabet hatja tal-ewwel imputazzjoni, tal-hames imputazzjoni, it-tmien imputazzjoni u l-ghaxar imputazzjoni kif dedotti, kif ukoll hatja tat-tieni imputazzjoni fejn tirrigwarda biss lill-Ispettur Nadia Lanzon, WPC 21 Ashley Bugeja u PC 1348 Joseph Campbell, tar-raba' imputazzjoni fejn tirrigwarda biss lill-WPC 21 Ashley Bugeja, tas-sitt imputazzjoni in kwantu li tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tas-seba' imputazzjoni fejn tirrigwarda biss lill-WPC 21 Ashley Bugeja, PC 1348 Joseph Campbell u WPS 45 Marisa Bartolo u kkundannatha ghal piena komplessiva ta' hdax-il (11) xahar prigunerija u hames mija u tnejn u tmenin Euro u erba' u tletin centezmi (Euro

582.34) multa ekwivalenti ghal mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) u tilliberaha minnhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) hija ma kellhiex tinsab hatja ta' l-ewwel imputazzjoni peress illi m'hemmx prova li kellha l-*animus* li xxewwex. Bhalma korrettement ma nstabitx hatja tat-tielet imputazzjoni – li xewxet lil haddiehor biex jaghmlu offiza ta' natura gravi fuq W.P.C. 21 Ashley Bugeja – hekk ukoll ma kellhiex tinsab hatja ta' l-ewwel imputazzjoni; (2) mix-xiehda ta' P.C. Campbell u l-Ispettur Nadia Lanzon ma jirrizultax ir-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni kontra taghhom, u ghalkemm l-appellanti verament hebbet ghal W.P.C. Bugeja, dan kien wara provokazzjoni ta' zewg imbuttaturi u ghalhekk huma applikabbli l-iskuzanti relattivi, inkluzi dawk kontemplati fl-artikolu 230 tal-Kodici Kriminali, oltre li din l-imputazzjoni tista' tigi assorbita fir-raba' imputazzjoni kieku kellha tinsab hatja taht dik l-imputazzjoni; (3) ghal dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni, l-atti gew kommessi f'cirkostanzi li ghandhom jitqiesu bhala provokattivi; (4) qam panic shih wara t-tieni imbuttatura u dan kien wara li gie pprovokat bl-agir pjuttost "rough" ta' W.P.C.  Bugeja; (5) imkien ma jirrizulta li hija qalet kliem li jikkonsisti f'dagha u ghalhekk kellha tigi lliberata; (6) dwar is-seba' imputazzjoni, il-kliem li W.P.C. Bugeja imbuttatha ma jistax jitqies bhala kliem intenzjonat li jiddisprezza lill-istess W.P.C. Bugeja, il-kliem li kienet giet imsawta d-Depot ma kien indirizzat lejn hadd partikolari u l-kliem li W.P.S. 45 kienet involuta f'xi kaz ta' nies li ma tressqux il-Qorti ma xehdet xejn dwaru l-istess W.P.S. 45; (7) li pulizija jimbotta persuna li tkun qed tiskorta ma jiffurmax parti mid-dmirijiet tieghu; (8) l-ghaxar imputazzjoni ma tirrizultax jekk hija tigi liberata mill-imputazzjonijiet li dwarhom instabet hatja mill-ewwel imputazzjoni.

L-aggravji ta’ l-appellanti jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F’**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**“The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word ‘unsafe’ should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a ‘lurking doubt’ as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w**

**evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat tal-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellanti.

L-incidenti in kwistjoni nqalghu fil-bini tal-Qorti fejn kienet tressqet l-appellanti. Wara li saret il-prezentata, "fuq ordni tal-Magistrat l-imputata kellha tigi eskortata l-habs."[2] Il-bidu ta' l-incidenti kien hekk kif hargu mill-awla. Skond l-appellanti, W.P.C. Bugeja mbuttatha u qaltilha "ejja ohrog" b'mod arroganti. L-appellanti qalet fl-istqarrija taghha li ghalkemm ma weggghetx hassitha offiza u qalet lil W.P.C. Bugeja "Tergax timbotta ghax jekk terga' timbottani naqilbek wiccek 'il fuq." L-appellanti qalet illi kien hemm it-tifla ta' ohtha, Rose Mary Camilleri li lill-pulizija mara qaltilha "Timbuttahiex" u l-pulizija mara qaltilha "Jien ma mbuttajthiex." Izda Rose Mary Camilleri regghet qaltilha "Tghidx li ma mbuttajthiex ghax rajtek jien." Wara dan il-kliem, qalet l-appellanti, W.P.C. Bugeja regghet imbuttatha u kif hassitha mbuttatha t-tieni darba hebbet ghal W.P.C. Bugeja u tatha daqqa fuq halqha. Hawn tajjeb jinghad illi Rose Mary Camilleri ma gietx prodotta bhala xhud la mill-prosekuzzjoni u lanqas mill-appellanti stess. Difatti l-unika xhud minnha prodotta kienet ommha Mary Rose Spiteri li allegat li l-appellanti kienet qed tghid "Timbuttanix" lil pulizija ragel li kien maghha fil-lift, u dan wara li kienet diga` harget mill-awla u kienet se titnizzel isfel.

W.P.C. 21 Ashley Bugeja cahdet li mbuttat lill-appellanti. U dwar xi diskors minn xi persuna ta' sess femminili, qalet li kien hemm persuna li qaltilha "Halliha bi kwieta ghax taf li hija nervuza bhalissa" u meta rrispondiet lil dik il-mara li lanqas biss kienet missitha, dik il-mara ma kellmithiex. Skond W.P.C. Bugeja, dak li gara meta kienu hergin mill-awla kien li l-appellanti bdiet tghaggel il-pass, missitha

[2] Xiehda ta' W.P.C. 21 Ashley Bugeja a fol. 28.

minn idejha, u hekk kif missitha l-appellanti ntefghet zewg passi lura u bdiet tghidilha li kienet qed issawwatha u bdiet twerzaq u tghajjat.

P.C. 1348 Joseph Campbell xehed illi meta kienu hergin mill-awla, W.P.C. Bugeja lill-appellanti qabditha minn taht idejha qaltilha “Ha mmorru ” u kif ezatt qaltilha hekk, l-appellanti rritaljat u bdiet twerzaq u tghajjat u tgholli idejha.

L-Ispettur Nadia Lanzon xehdet li meta kienu hergin mill-awla, W.P.C. Bugeja kienet qed izzomm lill-appellanti minn idejha u hekk kif hargu, l-appellanti bdiet tghajjat ma’ W.P.C. Bugeja u tghidilha biex ma tmisshiex u ghamlet ghal W.P.C. Bugeja.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, nervuza kemm setghet kienet nervuza l-appellanti, W.P.C. Bugeja kienet qed taghmel id-dover taghha u kienet qed tesegwixxi ordni tal-Qorti biex teskorta lill-appellanti ghall-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin. L-appellanti qed tallega li W.P.C. Bugeja abbuzat mill-poteri taghha u li mbuttatha b’mod *“rough”*. Dan pero` ma jirrizultax. L-appellanti trid li din il-Qorti tiskarta x-xiehda moghtija mix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni fejn ma taqbilx ma’ dik ta’ l-Ispettur Nadia Lanzon. Anke jekk din il-Qorti taghmel kif suggerit mill-appellanti, l-Ispettur Lanzon fl-ebda waqt ma tghid li l-appellanti allegat li kienet giet imbuttata minn W.P.C. Bugeja peress li d-diskors li semghet lill-appellanti tghid lil W.P.C. Bugeja kien “Tmissnix”. W.P.C. Bugeja kellha kull dritt tmiss jew izzomm lill-appellanti anke sabiex tassigura ruhha li din ma tippruvax tahrab minn fuq il-post. Aktar u aktar f’cirkostanzi fejn l-appellanti kienet kwazi cirkondata minn familjari taghha. U jekk ghall-grazzja ta’ l-argument kien hemm xi forma ta’ imbuttatura, din aktar setghet kienet *push* milli *shove*. Tant hu hekk illi l-appellanti stess tghid li ma weggghethiex bl-allegata imbuttatura. Interessanti pero` x-xiehda ta’ l-unika xhud prodotta mill-appellanti, Mary Rose Spiteri, li tghid li meta l-appellanti harget mill-awla, kienet immanettjata u dahlet fil-lift u lill-pulizija mara ma kienet ghamlitilha xejn. Kienu huma l-familjari taghha li ghamlu naqra storbju.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk din il-Qorti mhijiex takkolji kwalunkwe difiza fis-sens li dak li ghamlet l-appellanti ghamlitu taht provokazzjoni. Ghalhekk sejrin jigu issa kkunsidrati l-aggravji *seriatim*.

(1) B’referenza ghall-ewwel aggravju li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, l-appellanti ghandha ragun. Ma hemm l-ebda prova li hija xewxet lill-familjari taghha biex jikkommettu r-reat kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kap. 9. Huwa minnu li l-appellanti kienet qed tghajjat u tindirizza kliem oxxen lejn membri tal-korp tal-Pulizija izda hadd minnhom ma xehed li l-appellanti kienet qed theggeg lill-familjari taghha biex jaggredixxu lil W.P.C. Bugeja. Dawn il-familjari ta’ l-appellanti agixxew minn rajhom wara li raw l-incident li kellha ma’ W.P.C. Bugeja, u P.C. Campbell kien qabad lill-appellanti u gibidha lejn il-lift akkumpanjat mill-Ispettur Nadia Lanzon.

(2) Minbarra li jirrizulta ampjament li r-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni gie kommess fir-rigward ta’ W.P.C. Bugeja, fir-rigward ta’ l-Ispettur Lanzon u P.C. Campbell jirrizultaw kemm ingurji kif ukoll theddid. W.P.C. Bugeja xehdet illi l-appellanti bdiet tghid kliem ta’ natura oxxena fil-konfront taghha u tal-pulizija li kien hemm il-Qorti. Imbaghad l-Ispettur Nadia Lanzon xehdet illi meta kienu nizzlu lill-appellanti, bdiet tindirizza lilha u lil P.C. 1348 Joseph Campbell bi kliem li bla dubju ta’ xejn ghandu jitqies bhala kliem ta’ theddid: “issa jekk taghmlu xi haga lit-tifel tieghi inpattihielkom, jew jigu niesi jew inkella jigu nies missieru.” P.C. Campbell ukoll xehed li kemm lilu kif ukoll lill-Ispettur Lanzon u lil W.P.C. Bugeja l-appellanti bdiet thedded li ser tpattihielhom. Qal ukoll li bdiet titkellem baxx fil-konfront taghhom. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

(3) Dwar it-tielet aggravju, bhalma korrettement ikkonkludiet l-ewwel Qorti, l-appellanti hebbet biss ghal W.P.C. 21 Ashley Bugeja. Din l-imputazzjoni ghandha titqies assorbita fit-tieni imputazzjoni.

(4) In vista ta’ dak li diga` ntqal dwar il-kwistjoni ta’ provokazzjoni, ir-raba’ aggravju qieghed jigi michud ukoll.

(5) Dwar il-hames aggravju riferibilment ghas-sitt imputazzjoni l-appellanti m’ghandhiex ragun peress illi l-ewwel Qorti sabet htija biss li hija qalet kliem oxxen. Difatti fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet testwalment li kienet qed issib htija “in kwantu tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Li kieku kienet qed issib li l-kliem li qalet l-appellanti kien jikkonsisti f’dagha, l-ewwel Qorti kienet tirreferi wkoll ghall-artikolu 342 tal-Kap. 9. Ghalhekk il-hames aggravju qieghed jigi michud.

(6) Kwantu ghas-sitt aggravju, din il-Qorti hi tal-fehma li s-seba’ imputazzjoni tirrizulta in kwantu tirreferi ghad-diskors li l-appellanti qalet fil-konfront ta’ W.P.S. 45 Marisa Bartolo. Huwa minnu li W.P.S. Bartolo ma kinitx prezenti, izda dak id-diskors gie riferut lilha mill-Ispettur Nadia Lanzon. L-Ispettur Lanzon xehdet illi W.P.S. 45 qalet li l-allegazzjonijet li ghamlet l-appellanti kienu foloz u li talbet li jittiehdu passi kontra l-appellanti fuq dawn l-allegazzjonijiet. Skond l-Ispettur Lanzon dawn l-allegazzjonijiet kienu qeghdin jigu investigati. W.P.S. 45 Bartolo fil-fatt xehdet u kkonfermat li ma kinitx prezenti meta ntqal id-diskors izda hi stess talbet li jigi riferut lil ufficjal tad-Drug Squad fejn kienet tahdem. Dwar W.P.C. Bugeja u P.C. 1348 Campbell, din il-Qorti taqbel illi l-appellanti ma kellhiex tinsab hatja.

(7) Bhalma diga` gie osservat, f’dak li setghet ghamlet W.P.C. Bugeja din il-Qorti ma tirravvizax abbuz. Ghalhekk is-seba’ aggravju huwa michud ukoll.

(8) Peress illi sejrin jigu kkonfermati t-tieni u s-seba’ imputazzjonijiet li huma delitti, l-ghaxar imputazzjoni dwar recidiva tibqa’ tissussisti u ghalhekk it-tmien aggravju huwa michud.

Stante li l-appellanti sejra tigi dikjarat mhux hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni, irid ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-imsemmija Carmen Spiteri hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjaraha mhux hatja taghha u minnha tilliberaha, tirrevokaha in kwantu sabitha hatja tas-seba’ imputazzjoni fejn tirrigwarda lil W.P.C. 21 Ashley Bugeja u P.C. 1348 Joseph Campbell u ssibha mhux hatja ta’ dik l-imputazzjoni fejn tirrigwarda lill-imsemmijin W.P.C. 21 Ashley Bugeja u P.C. 1348 Joseph Campbell filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu s-seba’ imputazzjoni tirreferi ghal W.P.S. 45 Marisa Bartolo, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal prigunerija ghal perijodu ta’ hdax-il xahar u minflok tikkundannaha ghal prigunerija ghal perijodu ta’ hames xhur u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija b’dan li l-obbligazzjoni skond l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tibda tiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------